

# Kienu fuq fommna

*Sammy Borg*

Kull poplu għandu identità li tagħmlu dak li hu, din l-identità tissawwar maż-żmien u tpoġġi lil dak il-poplu ġo nkwatru għalih. Kif tissawwar l-identità ta' poplu? Min kif jitkellem, il-ħajja reliġjuża tiegħu, fejn jgħix, jekk hux ambjent ta' belt jew raħal, il-livell ta' edukazzjoni, x'ihnu l-impjieg u xogħol ta' ħafna, kif jgħadduh il-ħin tal-mistrieħ ħafna min-nies, u xi aspetti oħrajn li jsawru flimkien lil dak il-grupp ta' nies li jkunu jgħixu qrib xulxin li flimkien jibnu komunità.

Mill-aspetti li semmejt aktar 'il fuq, nixtieq nieħu aspett tal-mod kif kienu jitkellmu ħafna Melleħin li illum m'għadux tant jinstema', dak il-kliem sabiħ li kont tisimgħu minn kull fejn kont tgħaddi, kliem li kien imżewwaq b'talbiet qosra li ħafna mill-antenati tagħna żewqu l-lingwa li kienu jitkellmu biha, kliem li kien jixhed il-qawwa tat-twemmin tagħhom lejn il-Ħallieq u lejn Ommhom tas-Sema, il-Madonna. Kienu jafu li dak li għandhom, dak li jista' jkollhom, jew ifeġġ f'ħajjithom, kollox ġej mir-rieda t'Alla, u dan li llum qed ifaqqar il-kwalità ta' ħajja li qed ngħixu, għax qed naħsbu jew iwassluna biex naħsbu li bil-kapaċitajiet tagħna naslu fejn irridu u niksbu kull kuntentizza li nkunu nixtiequ.

Il-kliem sabiħ li kont tisma' minn ħafna xtaqt f'dan l-artiklu niktbu biex ħafna minnha jkunu jistgħu jagħmluh tagħhom. Kont tisma' meta xi ħadd ikun jittama li l-affarijiet imorru sew, kont tisimgħu jgħid "*Jekk Alla jrid*" u daqshekk ieħor meta jkun marru l-affarijiet sew, meta wieħed jkun sodisfatt b'dak li jkun qed iseħħ kont tisma' "*Niżżikħajr 'l Alla*" dawn huma rikkezzi li diżgrazzjatament qed nitilfu fil-mod kif wieħed jesprimi ruħu.

Il-frażi li kien juża xi ħadd li kien fil-bżonn u ma baqax *"il-Bambin ipprovda"* u kien iħoss sodisfazzjon hu u anke dawk ta' madwaru. Il-ferħ ta' persuna li tkun qed tifraħ lil persuna oħra, bħal meta dik il-mara tiltaqa' ma' dik l-omm li tkun għadha kif kellha tarbija tismagħha tlissen *"Alla jbierek x'anġlu għandek"* u tkompli titkellem ma' dik l-omm u tismagħha tgħidilha *"il-Bambin ikabbarulek"*

Kienet mod ta' kif ħafna kienu jitkellmu u fil-kliem tagħhom bl-iktar mod sempliċi kienu f'kull mument jinsġu kliem ta' tifħir u ringrazzjament. Kif kien ikun il-kliem ta' xi ħadd li kien fil-bżonn u sab lil min jgħinu *"Grazzi għal ruħ il-mejtin tiegħek"* jew *"il-Bambin ikun jafulek"* kliem, li kien jimla bil-ferħ ta' gratitudni lil dik il-persuna jew persuni li jkunu għamlu għad ta' karità ma' ħaddieħor, kliem li kien jixhet barka qaddisa fuq dak li jkun.

Kien hemm kliem ta' faraġ, bħal meta jkun hemm xi ħadd u xeraq u jkun qed jipprova jieħu nifs tisma' *"il-Bambin miegħek"* jew wieħed ikun se jagħmel xi vjaġġ jew forsi l-post fejn sejjer ikun 'il bogħod jew fejn ikun se jasal ikollu xi saram, kont tisma' *"il-Madonna twasslek bis-sliem"* jew *"Il-Bambin jibgħathielek tajba"* u hekk ukoll meta jkunu jitkellmu fuq xi ħadd mejjet tismagħhom "*Alla jaħfirlu'* jew "*Alla jagħtih il-Ġenna"*

La qegħdin fi żmien il-festa tal-Vitorja bilfors niftakar fi frażi li kienu jużaw meta kienu jmorru jiġbru l-qargħa mingħand il-bdiewa b'risq il-festa, dan il-qargħa meta jinġabar kollu kienu jieħduh il-pitkalija u l-flus li kienu jiġbru kienu jingħataw għall-festa. Jien meta kont tfajjel kelli x-xorti li mmur darbtejn biex niġbru l-qargħa ma' dawn l-irġiel, li aktarx kienu jkunu fratelli f'xi waħda mill-fratellanzi tal-Parroċċa. Meta l-bidwi kien jagħtihom il-qargħa, aktarx tkun l-ikbar waħda, min kien se jeħodha kien jagħtih kuruna tar-Rużarju u jgħidlu b'sinjal ta' ringrazzjament *"Il-Madonna tirrendi"*.

Naħseb ħafna minnkom waqt li qed taqraw dan kollu jiġu f'moħħkom frażijiet oħrajn li jew spiċċaw jew għadna nisimgħuhom. Naf li għad baqa' numru mhux ħażin li għadhom ilissnu dan l-kliem sabiħ waqt id-diskursati tagħhom, imma jinħass ukoll li dan aktarx jingħad minn persuni ta' età adulta u l-oħrajn ta' età iżgħar mhux fuq fommhom.

Dan li ridt infisser fil-bidu meta ktibt xi jsawwar l-identità ta' poplu, jekk dan il-kliem se jispiċċa mil-lingwaġġ tagħna nkunu qed nitilfu mill-identità tagħna ta' poplu nisrani, inkunu qed niftaqru u ma nkunux nittendu, m'hemmx kliem ieħor li jista' jeħodlu postu. Dan hu wirt li ħallewlna ta' qabilna, wirt ta' għaqal, sempliċità, bżulija, u mħabba kbira lejn Alla.